Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, 3 ta' Frar 2025**

**Seduta Hamrun**

**Il-Pulizija**
**(Assistent Kummissarju Robert Vella)**

**Versus**

**Shawn Falzon**
**(253882M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjoni kontra **Shawn Falzon**, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 253882M.

Akkuzat talli fis-7 ta' Settembru 2018 fil-hin ta' bejn 07:00am u 07:30am fi Triq Patri Frangisk Grech, Sta. Venera;

1. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' vettura tal-ghamla Piaggio bin-numru ta' registrazzjoni GAU 715 u kif ukoll vettura tal-ghamla Volkswagen bin-numru ta' registrazzjoni HBR 303 ghad-dannu ta' Anthony D'Alfonso u Chantelle D'Alfonso jew persuna jew persuni ohra, liema hsara tiskorri l-ammont ta' mitejn u hamsin Ewro (€250), izda mhux dak ta' elfejn u hames mitt Ewro (€2,500) u dan bi ksur tal-Art. 325(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha prezentati in atti.

Semghat ix-xhieda.

Semghet il-prosekuzzjoni tirrimetti ruhha ghal provi u t-trattazzjoni finali tad-Difiza.

**Ikkunsidrat**

Illi xehdet Chantelle D'Alfonso fejn qalet li fit-8.00am tas-7 ta' Settembru, hekk kif marret hdejn il-vettura taghha li kient ipparkjata fi Triq Patri Frangisk Grech, sabet l-erbgha tyres tal-karozza taghha Volksvagen Golf blu, bin-numru HBR 302 mifqughin. Hi kkuntatjat lil missierha li wassalha l-ghassa biex taghmel rapport. Il-Pulizija kienu marru fuq il-post u waqt illi kienu hemm marret il-partner tal-akkuzat, Sabina Bakoush, u bdiet toffendiha u qaltilha li ghamlulhom hekk ghax azzjonithom hazina, ghax skond hi ttowjajwlha l-karozza. Hi kienet taf minn hu l-akkuzat, ghax kien joqghod faccata taghha. Il-Pulizija talbuha biex ticcekja minhabba CCTV cameras u hi nnutat camera fuq il-hanut Il-Gugarell. X'hin raw il-cameras li kien henm fuq il-garaxx ta' missierha stess fuq D'Alfonso Garage, innutaw li l-pjanca u portal ta' JAU 715 kien faqqahhom ukoll. Ix-xhud ezebit ritratti u zewg pen drives, wiehed tas-CCTV tal-Gugarell u l-iehor tas-CCTV tal-garage ta' missierha. Hi kienet hadet is-CCTV minnhom tal-Gugarell fil-prezenza tieghu u tathom lill-Pulizija. Ix-xhud kienet tat il-filmati lill-Pulizija izda r-ritratti mhux hi hargithom. Hi pprezentat l-ircevuti tat-tyres tal-Volksvagen u tal-Piaggio.

Illi xehed Carmel Azzopardi li jahdem fit-tyres, li kkonferma z-zewg invoices Dok RV4 u kkonferma li kienu thallsu minn D'Alfonso.

Illi xehed Martin Aquilina, fejn qal li kien mar biex jaghmel *back up* tal-camera tal-garaxx ta' D'Alfonso li kien hemm fit-Triq Patri Frangisk Grech, Santa Venera. Hu ghandu garage magenb Anthony D'Alfonso u kien talbu biex jaghmel kopja tal-filmat minn fuq il-cameras. Hu ghamlu f'pen drive u tah lil Anthony D'Alfonso. Fil-filmat deher ragel hiereg u jifqa' tyres tal-Golf blu.

Illi xehed Anthony D'Alfonso, fejn qal li fis-7 ta' Dicembru 2018, kien sab iz-zewg tyres tal-vann tieghu Piaggio JAU 715 u l-erbgha tyres tal-vettura tat-tifla tieghu, Volkswagen Golf HBR303 mifqughin. Dawn kienu pparkjati quddiem il-garaxxijiet tieghu gewwa Santa Venera. Meta kienu hdejn il-karozzi mal-Pulizija, marret mara li toqghod mal-imputat, tghajjat mat-tifla li ghamlula vendikazzjoni ghax kienu ttowjawlha l-vettura, meta kienet ipparkjata quddiem il-garaxx, li ma kienx minnu. Il-Pulizija siktuha u din il-mara dahlet gewwa. Hu kien ra l-filmat li kien ghamel Martin Aquilina li kellu garage magenbu. Fil-camera deher l-imputat li kellu xi haga f'idu li dahalha fit-tyres. Il-hsarat kienu

jammontaw ghal €350 ghat-tyres tat-tifla u €110 ghat-tyres tieghu li kkonferma li kienu l-ircevuti *a fol.* 15 u 16. Hu kien xtrahom minghand tat-tyres f'Cannon Road, Santa Venera. Fil-kontro ezami x-xhud jikkonferma li hu kien qala' t-tyres u hadhom biex jinbidlu. Il-persuna tidher fil-filmat qieghda tifqa' t-tyres, u hu gharfu bhala l-imputat, ghax joqghod faccatta tieghu. Illi fit-8 ta' Lulju 2024 Anthony D'Alfonso ddikjara li ma kellux aktar interess fil-kawza, ghax l-imputat kien hallas dak kollu dovut lilu.

**Ikkunsidrat**

Irrizulta li Chantelle D'Alfonso u missierha Anthony D'Alfonso kienu nnutaw li kien hemm erbgha tyres tal-vettura ta' Chantelle u zewg tyres tal-vann ta' Anthony D'Alfonso li kienu mifughin u kienu marru jaghmlu rapport. Kien hemm zewg cameras fit-triq fejn il-vetturi kienu pparkjati u fil-filmati tidher persuna ddur mal-karozza u hdejn il-vann. Kemm Chantelle kif ukoll missierha gharfu l-persuna bhala l-imputat peress illi kien joqghod fit-triq taghhom u kienu jarawh kwazi kuljum. Il-hsara kienet tammonta ghal €460. Matul il-kawza dan l-ammont thallas mill-imputat u Anthony D'Alfonso iddikjara li ma kellux aktar interess fil-kawza.

**Illi l-Qorti wara li semghat ix-xhieda u rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali, hija konvinta li l-akkuza fil-konfront ta' l-imputat giet ippruvata sal-grad rikjest mill-Ligi.**

**Illi l-fatt li l-imputat hallas diga' ghal-hsara li kkaguna lill-*parte civile* ser tirifletti fil-piena moghtija lilu.**

<u>**Decide**</u>

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat Artikolu 7 u 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat Shawn Falzon hati ta' l-akkuza migjuba kontrih** u ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat iehor fi zmien **sentejn (2) millum**.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**